

EBA/GL/2022/06

---

30/06/2022

---

## Linji gwida

---

dwar l-eżerċizzji ta' benchmarking dwar il-prattiki ta' rimunerazzjoni, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u l-proporzjonijiet oġġla approvati skont id-Direttiva 2013/36/UE

# Obbligi ta' konformità u rapportar

---

## Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif għandu jiġi applikat id-dritt tal-Unjoni f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 27.12.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/06". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)

# Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

## Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw, għall-finijiet tas-sorveljanza tal-politiki ta' rimunerazzjoni f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn istituzzjonijiet magħżula lill-awtoritajiet kompetenti għall-benchmarking tax-xejriet u l-prattiki ta' rimunerazzjoni, inkluża l-informazzjoni divulgata f'konformità mal-kriterji għad-divulgazzjoni stabbiliti fil-punti (g), (h), (i) u (k) tal-Artikolu 450(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ("*data* dwar ir-rimunerazzjoni") u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-benchmarking tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi ("*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi").
6. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw ukoll, f'konformità mas-sitt inċiż tal-punt (ii) tal-Artikolu 94(1) (g) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-format komuni tar-rapportar li għandu jintuża għall-finijiet tal-benchmarking tal-proporzjonijiet oġġla approvati bejn il-komponenti fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni ("*data* dwar proporzjonijiet oġġla").
7. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw kif l-awtoritajiet kompetenti se jiġbru mingħand l-istituzzjonijiet il-proporzjonijiet oġġla approvati, id-*data* dwar ir-rimunerazzjoni u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi (kollettivament imsejja "*data* tal-benchmarking") u kif dawn imbagħad jissottomettu d-*data* tal-benchmarking lill-EBA.

## Kamp ta' applikazzjoni

8. Dawn il-linji gwida japplikaw fuq livell individwali, subkonsolidat u konsolidat kif ġej:
  - a. id-*data* dwar ir-rimunerazzjoni għandha tinġabar fil-livell tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 6(3) u 13 tar-Regolament (UE) 575/2013;
  - b. id-*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u dwar il-proporzjonijiet oġġla approvati għandha tinġabar biss fuq bażi individwali.

## Destinatarji

9. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fil-punti (1) u (viii) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1093/2010 li huma istituzzjonijiet kif iddefiniti fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, wara li jitqiesu d-ditti ta' investiment soġġetti għall-Artikoli 1 (2) jew (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033 ("*istituzzjonijiet*").

## Definizzjonijiet

10. It-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) 575/2013 u fil-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' rimunerazzjoni tajbin skont id-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida.

## Implimentazzjoni

---

### Data tal-applikazzjoni

11. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2022.

### Arranġamenti tranżitorji

12. Id-*data* tal-benchmarking għas-sena finanzjarja li tintemm fl-2022, eskluża d-*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, għandha tiġi sottomessa mill-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti sal-31 ta' Awwissu 2023, u mill-awtoritajiet kompetenti lill-EBA sal-31 ta' Ottubru 2023. L-ewwel eżerċizzju ta' benchmarking fir-rigward tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandu jikkonċerna s-sena finanzjarja 2023.

### Tħassir

13. Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-eżerċizzju ta' benchmarking tar-rimunerazzjoni (EBA/GL/2014/08)<sup>2</sup> jiġihassru b'effett mill-31 ta' Diċembru 2022.
14. Ir-referenzi f'linji gwida oħrajn għal-Linji Gwida mħassra mill-paragrafu 13 għandhom jiġu interpretati bħala referenza għal dawn il-Linji Gwida.

---

<sup>2</sup> Ara <https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/remuneration/guidelines-on-the-remuneration-benchmarking-exercise>

# Linji gwida dwar l-eżerċizzji ta' benchmarking dwar il-prattiki ta' rimunerazzjoni, id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u l-proporzjonijiet oġġla approvati skont id-Direttiva 2013/36/UE

---

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-eżerċizzji tad-*data* tal-benchmarking

1.1 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet għall-ġbir tad-*data* dwar ir-rimunerazzjoni

15. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru u jissottomettu lill-EBA *data* dwar ir-rimunerazzjoni mingħand l-akbar istituzzjonijiet f'termini ta' volum tal-assi fl-Istat Membru tagħhom, filwaqt li jiżguraw kopertura ta' mill-inqas 60 % tal-volum tal-assi tas-sistema bankarja f'dak l-Istat Membru.

16. Meta l-kopertura ta' 60 % imsemmija fil-paragrafu preċedenti ma tkunx tista' tinkiseb b'mod raġonevoli fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru u jissottomettu lill-EBA *data* dwar ir-rimunerazzjoni mingħand sa 20 mill-akbar istituzzjonijiet f'termini ta' volum tal-assi fl-Istat Membru tagħhom. Din id-*data* ma għandhiex tinkludi istituzzjonijiet li għalihom se tinġabar *data* mis-superviżur konsolidanti skont il-livell ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 575/2013. L-awtoritajiet kompetenti jirċievu informazzjoni mingħand l-EBA li għaliha tinġabar *data* dwar l-impriżi prinċipali tal-Unjoni permezz tal-lista msemmija fil-paragrafu 24.

1.2 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet għall-ġbir ta' *data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi

17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru u jissottomettu lill-EBA *data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fuq bażi individwali mill-istituzzjonijiet li mingħandhom dawn l-awtoritajiet kompetenti jiġbru *data* dwar ir-rimunerazzjoni, jiġifieri l-istituzzjoni responsabbli mill-konsolidazzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 575/2013 jew l-istituzzjoni individwali inkluża fil-kampjun għall-benchmarking tar-rimunerazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru wkoll *data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi mingħand istituzzjonijiet li ma jikkwalifikawx bħala żgħar u mhux kumplessi f'konformità mal-punt (145) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 u li jirrappreżentaw b'mod adegwat il-varjetà tat-tipi differenti ta' istituzzjonijiet f'dak l-Istat Membru, inklużi istituzzjonijiet b'titoli ammessi għan-negozjar jew banek privati, kooperattivi u ta' tfaddil, banek tal-Istat u ditti ta' investiment li japplikaw id-Direttiva 2013/36/UE. Fi kwalunkwe każ, id-*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandha

tinġabar biss mingħand istituzzjonijiet li għandhom mill-inqas 50 membru tal-persunal fuq bażi individwali, minbarra l-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu.

18. Meta japplikaw il-paragrafu 17, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom biex jiġbru *data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi mingħand mill-inqas 5 istituzzjonijiet (fuq bażi individwali) f'kull waħda mill-kategoriji tad-daqs li ġejjin fl-Istat Membru tagħhom, anki jekk il-ġbir tad-*data* dwar il-benchmarking tar-rimunerazzjoni skont it-taqsimha 1.1 jikkonċerna għadd aktar baxx ta' istituzzjonijiet:

- a. assi totali sa massimu ta' EUR 5 biljun;
- b. assi totali ta' bejn EUR 5 biljun u EUR 15-il biljun;
- c. assi totali ta' EUR 15-il biljun jew aktar.

### 1.3 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet għall-benchmarking tal-proporzjonijiet oġġla approvati

19. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru, jaggregaw u jissottomettu lill-EBA *data* dwar il-proporzjonijiet oġġla approvati mill-istituzzjonijiet kollha fuq bażi individwali li għandhom l-approvazzjoni tal-azzjonisti tagħhom biex japplikaw proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-rimunerazzjoni li huwa oġġla minn 100 % skont l-Artikolu 94(1)(g)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 2. Is-sottomissjoni ta' *data* tal-benchmarking lill-awtoritajiet kompetenti

20. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiġbru u jissottomettu lill-EBA *data* dwar ir-rimunerazzjoni f'konformità ma' dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet imsemmija fis-subtaqsima 1.1 għandhom, sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena kalendarja, jissottomettu l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti:

- a. l-informazzjoni speċifikata fit-tabelli REM1, REM2, REM3, REM4 u REM5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637<sup>3</sup>;
- b. informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-persunal kollu kif stabbilit fl-Anness I;
- c. informazzjoni addizzjonali dwar ir-rimunerazzjoni tal-persunal identifikat kif stabbilit fl-Anness II;
- d. informazzjoni dwar id-derogi stabbiliti fl-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE, kif stabbilit fl-Anness III.

21. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiġbru u jissottomettu lill-EBA *data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, l-istituzzjonijiet imsemmija fis-subtaqsima 1.2 għandhom, sal-15 ta' Ġunju kull tliet snin, li jibdeu mill-2024 fir-rigward tas-

<sup>3</sup> L-informazzjoni meħtieġa se tiġi inkluża fil-mudell tal-punt tad-*data* użat fl-għodda tal-EBA għall-ġbir tad-*data*.

sena finanzjarja 2023, jissottomettu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV lill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi individwali.

22. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiġbru, jaggregaw u jissottomettu lill-EBA *data* dwar il-proporzjonijiet oġhla approvati f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, l-istituzzjonijiet imsemmija fis-subtaqsima 1.3 għandhom, sal-15 ta' Ġunju kull sentejn, li jibdedw mill-2023 fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022, jissottomettu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness V lill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi individwali.
23. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiġbru, jaggregaw u jissottomettu lill-EBA *data* dwar il-proporzjonijiet oġhla approvati f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida sal-31 ta' Awwissu, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, kull sentejn, li jibdedw mill-2023 għas-sena finanzjarja 2022, jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-informazzjoni li jkun irċieva f'konformità mal-paragrafu preċedenti mingħand l-istituzzjonijiet taħt il-mandat superviżorju tiegħu fil-ħin.

### 3. Is-sottomissjoni ta' *data* tal-benchmarking lill-EBA

#### 3.1. Lista ta' istituzzjonijiet inklużi fl-eżerċizzji ta' benchmarking

24. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformat lill-EBA, sal-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara s-sena li għaliha għandha tinġabar id-*data* – dwar il-lista ta' istituzzjonijiet li għandhom jiġu inklużi:
  - a. fil-benchmarking tar-rimunerazzjoni u
  - b. fl-eżerċizzju ta' benchmarking tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.
25. Il-bidliet fil-kampjun ta' istituzzjonijiet għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun sabiex jiġi żgurat li l-kampjun jibqa' stabbli. Għall-finijiet tal-paragrafu 24, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformat lill-EBA dwar kwalunkwe bidla meta mqabbla mal-ġbir tad-*data* preċedenti, inkluż fir-rigward tal-bidliet fl-ismijiet tal-istituzzjonijiet jew l-identifikatur tal-entità legali tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformat lill-istituzzjonijiet li jintgħażlu biex jipparteċipaw fil-ġbir tad-*data* fil-ħin.
26. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, wara komunikazzjoni mill-EBA, ineħħu mil-lista l-istituzzjonijiet għall-benchmarking tar-rimunerazzjoni li huma sussidjarji ta' impriżi prinċipali tal-Unjoni stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li għalihom id-*data* rilevanti se tiġi sottomessa lill-EBA minn awtorità kompetenti oħra f'livell oġhla ta' konsolidazzjoni.
27. Fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda, eż. waħda responsabbli mis-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet u oħra mid-ditti ta' investiment soġġetti għall-Artikolu 1(2) jew (5) tar-Regolament (UE 2019/2033), fi Stat Membru jew fejn ir-responsabbiltà għas-superviżjoni tkun tal-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoordinaw il-ġbir tad-*data* bejniethom u jipprovdu lil xulxin id-*data* u l-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw li jinġabar u jiġi rrapportat sett wieħed biss ta' *data* lill-EBA għal dak l-Istat Membru.

### 3.2. Is-sottomissjoni ta' *data* lill-EBA

28. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-informazzjoni, wara li jiżguraw il-kompletezza, l-akkuratezza u l-plawżibbiltà tal-informazzjoni f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida u kwalunkwe speċifikazzjoni teknika oħra pprovduta mill-EBA, kif ġej:
- data* dwar ir-rimunerazzjoni, sal-31 ta' Lulju ta' kull sena;
  - data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, sal-31 ta' Lulju kull tliet snin, li jibdedw mill-2024, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2023;
  - informazzjoni aggregata dwar il-proporzjonijiet oġġla approvati kif stabbilit fl-Anness VI sal-31 ta' Awwissu kull sentejn, li jibdedw mill-2023, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022.

### 4. Speċifikazzjonijiet ġenerali għas-sottomissjoni ta' *data* tal-benchmarking

29. Meta jissottomettu *data* tal-benchmarking f'konformità mat-taqsimiet 2 u 3 u mal-Annessi għal dawn il-Linji Gwida, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali stabbiliti f'din it-taqsim, l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali stabbiliti fit-taqsimiet 5 u 6 u l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness VII.
30. Id-*data* tal-benchmarking għandha tiġi sottomessa bl-użu taċ-ċifri tal-kontabilità fi tmiem is-sena f'EUR. Meta r-rimunerazzjoni tiġi divulgata f'munita oħra minbarra l-euro, ir-rata tal-kambju użata mill-Kummissjoni Ewropea għall-programmazzjoni finanzjarja u l-baġit għal Diċembru tas-sena rrapportata għandhom jintużaw għall-konverżjoni taċ-ċifri kkonsolidati li għandhom jiġu rrapportati<sup>4</sup>.
31. L-ammonti kollha għandhom jiġu rrapportati bħala ammonti sħaħ, jiġifieri mhux ammonti arrotondati, f'EUR (pereżempju, għandhom jiġu rrapportati EUR 1 234 567 minflok EUR 1.2 miljun).
32. Id-*data* tal-benchmarking għas-sena kalendarja li fiha tkun intemmet is-sena finanzjarja għandha tiġi sottomessa fis-sena kalendarja ta' wara. Pereżempju, fir-rigward tal-eżerċizzju ta' benchmarking għas-sena finanzjarja li tintemm fi kwalunkwe data fis-sena "20ss", id-*data* tiġi sottomessa fis-sena "20ss+1".
33. L-allokkazzjoni tal-ammonti sottomessi għall-komponenti fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni għandha ssir f'konformità mat-Taqsim 7 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' rimunerazzjoni tajbin skont id-Direttiva 2013/36/UE.

### 5. Speċifikazzjonijiet addizzjonali għad-*data* dwar ir-rimunerazzjoni

34. Fir-rigward tas-sottomissjoni tat-tabelli REM1, REM2, REM3, REM4 u REM5, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-ANNEX XXXIV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni

<sup>4</sup> L-EBA tipprovdi link għall-informazzjoni fuq is-sit web tagħha flimkien ma' dawn il-Linji Gwida; ir-rata tal-kambju tista' tiġi aċċessata wkoll fuq [http://ec.europa.eu/budget/contracts\\_grants/info\\_contracts/inforeuro/inforeuro\\_en.cfm](http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm)



tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 flimkien ma' din it-taqsimha, kif ukoll ir-regoli ta' validazzjoni speċifikati fl-Anness VII.

35. L-għadd ta' membri tal-persunal għandu jiġi sottomess kif iddeterminat fi tmiem is-sena finanzjarja (jiġifieri l-membri tal-persunal li telqu matul is-sena finanzjarja ma għandhomx jingħaddu, filwaqt li l-membri tal-persunal li ġew irreklutati fis-sena finanzjarja għandhom jingħaddu, filwaqt li jitqiesu l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom dwar il-ħin tax-xogħol).
- Meta jkun irid jiġi sottomess l-għadd ta' membri tal-persunal f'termini tan-numru ta' impjegati, għandu jiddaħħal l-għadd ta' persuni fiżiċi, irrispettivament mill-għadd ta' sigħat tax-xogħol li fuqhom huwa bbażat il-kuntratt tagħhom jew mill-bidliet fl-għadd ta' persunal matul is-sena u filwaqt li jitqiesu l-ammonti totali ta' rimunerazzjoni mogħtija għas-sena.
  - Meta jkunu jridu jiġu sottomessi n-numri f'termini tal-ekwivalenti għal full-time, in-numri għandhom ikunu bbażati fuq il-perċentwal taż-żmien li membru tal-persunal individwali jkun impjegat meta mqabbel ma' kuntratt fuq bażi full-time (pereżempju, jiġi rrapportat 0.5 għal membru tal-persunal li qed jaħdem 50 % tal-ħin ta' kuntratt full-time).
36. Meta jiġu sottomessi t-tabelli REM1, REM2, REM3, REM4 u REM5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637, u l-Annessi II u III għal dawn il-Linji Gwida, il-persunal identifikat għandu jinftehem bħala daww il-membri tal-persunal li għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet kif identifikati fl-istituzzjonijiet kollha u f'sussidjarji oħrajn fuq bażi kkonsolidata u li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni skont l-Artikoli 92 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE, fejn il-membri tal-korp maniġerjali tas-sussidjarji jiġu rrapportati taħt il-linji ta' azzjoni aktar milli taħt il-funzjoni tal-"korp maniġerjali". "Persunal identifikat" huwa l-aggregazzjoni ta':
- persunal identifikat f'istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni, irrispettivament minn jekk tali persunal ikunx identifikat fil-livell individwali jew ikkonsolidat;
  - f'konformità mal-Artikolu 109(5) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-membri tal-persunal li jingħataw il-mandat li jwettqu attivitajiet li għandhom impatt materjali dirett fuq il-profil tar-riskju jew in-negozju tal-istituzzjonijiet fi ħdan sussidjarji li huma kumpanija tal-ġestjoni tal-assi jew imprima li tipprova s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment elenkati fil-punti (2), (3), (4), (6) u (7) tat-Taqsimha A tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE;
  - persunal identifikat f'sussidjarji li għalihom l-Istati Membri japplikaw l-Artikoli 92, 94 u 95 fuq bażi kkonsolidata f'konformità mal-Artikolu 109(6) tad-Direttiva 2013/36/UE, fejn il-membri tal-persunal ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet f'livell ikkonsolidat; u
  - persunal identifikat f'entitajiet oħrajn li għalihom l-Artikoli 92 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE japplikaw biss fuq bażi kkonsolidata, jiġifieri entitajiet li la huma istituzzjonijiet u lanqas sussidjarji li huma soġġetti għal qafas ta' rimunerazzjoni speċifiku f'konformità mal-Artikolu 109(4) tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' daww il-membri

tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet f'livell ikkonsolidat.

37. L-informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni mogħtija għas-sena finanzjarja għandha tinkludi r-rimunerazzjoni grossa fissa u varjabbli mogħtija għas-sena finanzjarja kollha ta' qabel is-sena tas-sottomissjoni tad-*data* dwar ir-rimunerazzjoni.
38. Meta t-tabella REM1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 tiġi sottomessa f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, l-entrati mhux monetarji taxxabli tar-rimunerazzjoni għandhom jiġu inklużi mal-ekwivalenti monetarji tagħhom u għandhom jiġu inklużi bħala "forom oħrajn" f'dik it-tabella.
39. Meta t-tabelli REM1 u REM3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 jiġu sottomessi f'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, għandhom jiġu inklużi biss l-ammonti ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija għas-sena finanzjarja sottomessa li jkunu ġew differiti taħt l-entrata "li minnhom: differiti" fit-tabella REM1, filwaqt li r-rimunerazzjoni varjabbli differita għall-perjodi preċedenti għandha tiġi inkluża separatament f'konformità mal-istruzzjonijiet għat-tabella REM3.
40. Il-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg lill-persunal identifikat għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli fit-tabella REM1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637, minbarra fir-ringieli speċifiċi fit-tabella REM2 u, fejn jiġi applikat differiment, fit-tabella REM3 ta' dak ir-Regolament.
41. Meta l-membri tal-persunal identifikati jkunu telqu mill-istituzzjoni qabel tmiem is-sena finanzjarja, għandha tiġi sottomessa r-rimunerazzjoni mogħtija għas-sena finanzjarja, inklużi l-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg u l-forom l-oħrajn kollha ta' rimunerazzjoni, filwaqt li l-membri tal-persunal ma għandux jingħadd mal-għadd ta' persunal identifikat sottomess meta l-kuntratt ikun diġà ntemm qabel tmiem is-sena finanzjarja. Il-membri tal-persunal identifikati li jkunu ssieħbu fl-istituzzjoni matul is-sena finanzjarja għandhom jiġu inklużi fl-għadd ta' membri tal-persunal identifikati, filwaqt li jitqiesu l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom dwar il-ħin tax-xogħol (pereżempju, il-membri tal-persunal li jaħdmu fuq bażi full-time li jkunu ssieħbu matul is-sena finanzjarja dejjem jingħaddu ma' "1" fi tmiem is-sena finanzjarja) u għandha tiġi sottomessa r-rimunerazzjoni kollha mogħtija lil dawk il-membri tal-persunal identifikati għas-sena finanzjarja.
42. Ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita għandha tiġi inkluża fir-rimunerazzjoni varjabbli fit-tabella REM1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 u, barra minn hekk, għandha tiġi inkluża fit-Tabella REM2 u, fejn jiġi applikat differiment, fit-tabella REM3 ta' dak ir-Regolament.
43. Meta jissottometti l-Anness I u t-tabella REM5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637, il-persunal għandu jiġi kklassifikat taħt il-funzjoni jew il-linja ta' azzjoni fejn iwettaq il-parti predominanti tal-attivitajiet kummerċjali tiegħu. L-ammont sħiħ ta' rimunerazzjoni mogħtija lil dak il-membri tal-persunal fi ħdan il-grupp jew l-istituzzjoni għandu jiġi inkluż taħt din il-funzjoni jew il-linja ta' azzjoni.

44. Għall-allokazzjoni tal-persunal għal linji ta' azzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-organizzazzjoni interna tagħhom u dan li ġej:

- a. "Funzjoni superviżorja tal-korp maniġerjali ('management body' - MB)" għandha tinkludi l-membri tal-korp maniġerjali fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni li jaġixxu fir-rwol ta' sorveljanza u monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni (jiġifieri diretturi mhux eżekuttivi), kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-kolonna (a) tat-tabella REM1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637. L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw membri tal-korpi maniġerjali ta' sussidjarji għal-linja ta' azzjoni rilevanti taħt il-punti minn (ċ) sa (i) fejn tiġi pprovduta tali diżaggregazzjoni u, altrimenti, għall-kategorija "persunal identifikat ieħor".
- b. "Funzjoni maniġerjali tal-korp maniġerjali ('management body' - MB)" għandha tinkludi l-membri tal-korp maniġerjali fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni li huma responsabbli mill-funzjonijiet maniġerjali tiegħu (jiġifieri diretturi eżekuttivi) kif speċifikat fl-istruzzjonijiet għall-kolonna (a) tat-tabella REM1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637. L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw membri tal-korpi maniġerjali ta' sussidjarji għal-linja ta' azzjoni rilevanti taħt il-punti minn (ċ) sa (i) fejn tiġi pprovduta tali diżaggregazzjoni u, altrimenti, għall-kategorija "maniġment superjuri ieħor".
- c. "Bank tal-investment" għandu jinkludi finanzi korporattivi, negozjar u bejgħ kif definiti fit-Tabella 2 tal-Artikolu 317 tar-Regolament (UE) 575/2013, tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali kif definiti fl-Artikolu 193(3) tar-Regolament (UE) 575/2013, u ekwità privata.
- d. "Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur" għandhom jinkludu l-attività totali ta' self tal-istituzzjoni (lil individwi u intrapriżi).
- e. "Immaniġġar tal-assi" għandu jinkludi l-immaniġġar tal-assi fi ħdan:
  - i. l-istituzzjoni li hija inklużi fil-kampjun;
  - ii. sussidjarji li huma istituzzjonijiet, inklużi ditti ta' investment wara li jitqies l-Artikolu 1(2) jew (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033; u
  - iii. sussidjarji li huma ditti ta' investment, impriżi ta' investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), maniġers ta' fondi ta' investment alternattiv (AIFM) jew ditti ta' investment li huma soġġetti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi kkonsolidata wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 109(5) jew (6) ta' din id-Direttiva.
- f. "Funzjonijiet korporattivi" għandhom jinkludu membri tal-persunal fil-funzjonijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet mill-istituzzjoni kollha fil-livell ikkonsolidat u mis-sussidjarji b'tali funzjonijiet fil-livell individwali, eż. ir-riżorsi umani u t-teknoloġija tal-informazzjoni.
- g. "Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti" għandhom jinkludu biss persunal attiv fil-funzjonijiet indipendenti ta' ġestjoni tar-riskju, konformità u awditjar intern kif deskritti fit-Taqsima 19 tal-linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna skont id-Direttiva 2013/36/UE.

- h. Għall-Anness I, “persunal f’sussidjarji soġġetti għal qafas ta’ rimunerazzjoni speċifiku” għandu jinftehem bħala li jinkludi l-persunal kollu li huwa impjegat minn sussidjarja li hija ditta ta’ investment, UCITS jew AIFM li huma soġġetti għal qafas ta’ rimunerazzjoni speċifiku u li ma humiex soġġetti għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ rimunerazzjoni fuq bażi kkonsolidata kif stabbilit fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.
- i. “Il-persunal l-ieħor kollu” għandu jinkludi l-persunal u l-membri tal-korp maniġerjali ta’ sussidjarji, minbarra d-ditti ta’ investment, il-UCITS u l-AIFM, li ma jistgħux jiġu allokat għall-kategoriji taħt (a) sa (h).

## 5.1. Speċifikazzjonijiet addizzjonali għad-*data* dwar ir-rimunerazzjoni taħt l-Anness II

- 45. Il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jiġu inklużi fit-tabella REM1 u, fejn jiġi applikat differiment, fit-tabella REM3 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 f’“forom oħrajn ta’ rimunerazzjoni varjabbli” u, barra minn hekk, jiġu rrapportati fit-tabella fl-Anness II.
- 46. Rimunerazzjoni varjabbli mogħtija abbażi ta’ perjodi ta’ dovuti ta’ aktar minn sena li ma jiddependux minn bażi annwali, jiġifieri meta l-istituzzjonijiet ma jibdewx perjodu ġdid ta’ dovuti ta’ aktar minn sena kull sena, għandha tiġi allokata bis-sħiħ għar-rimunerazzjoni varjabbli totali tas-sena finanzjarja li fiha tkun ingħatat fit-tabella REM1 u, meta jiġi applikat differiment, fit-tabella REM3 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637, mingħajr kunsiderazzjoni tal-mument meta r-rimunerazzjoni varjabbli titħallas b’mod effettiv jew tat-tul tal-perjodu ta’ prestazzjoni. L-ammont ta’ dik ir-rimunerazzjoni varjabbli għandu jiġi inkluż ukoll fl-informazzjoni addizzjonali fl-Anness II.
- 47. Minbarra t-tabella fl-Anness III dwar l-impatt tad-derogi skont l-Artikolu 94(3)(a) u (b) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet li għalihom ma tapplikax id-deroga msemmija fl-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jissottomettu fit-tabella inkluża fl-Anness II ir-rimunerazzjoni fissa u varjabbli tal-persunal identifikat li għalih tapplika kwalunkwe waħda mid-derogi msemmija fl-Artikolu 94(3)(b) ta’ dik id-Direttiva.

## 5.2. Speċifikazzjonijiet addizzjonali għad-*data* dwar ir-rimunerazzjoni taħt l-Anness III

- 48. L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw fl-Anness III jekk humiex eliġibbli li japplikaw id-derogi skont l-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE rigward ir-rekwiżit li jħallsu parti mir-rimunerazzjoni varjabbli fl-istrumenti u taħt l-arranġamenti ta’ differiment u jipprovdu l-informazzjoni mitluba rigward il-persunal identifikat li għalih jiġu applikati d-derogi. Meta tiġi sottomessa *data* fuq bażi kkonsolidata, l-għadd ta’ persunal identifikat u r-rimunerazzjoni li għandhom jiġu rrapportati għandhom ikunu s-somma tal-persunal kollu identifikat u tar-rimunerazzjoni fl-entitajiet kollha li jibbenefikaw mid-derogi f’entitajiet li huma soġġetti għal konsolidazzjoni prudenzjali u għar-rekwiżiti ta’ rimunerazzjoni skont dik id-Direttiva.

49. Id-derogi skont l-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jitqiesu li ġew applikati meta l-istituzzjoni li hija soġġetta għad-deroga tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti minimi rigward il-porzjon li għandu jiġi differit jew imħallas fi strumenti skont l-Artikolu 94(1) ta' dik id-Direttiva (pereżempju, xorta tiġi applikata deroga jekk tiġi differita 30 % tar-rimunerazzjoni varjabbli ta' direttur eżekuttiv, jew jekk tiġi differita għal tliet snin biss, minħabba li r-rekwiżiti minimi ta' differiment ta' 40 % għal mill-inqas erba' snin ma jkunux ġew issodisfati).

## 6. Struzzjonijiet addizzjonali għad-*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fl-Anness IV

50. L-istituzzjonijiet li qed jipparteċipaw fl-eżerċizzju ta' benchmarking tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandhom jikkalkolaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fuq bażi individwali, filwaqt li jqisu l-membri tal-persunal, inklużi l-membri tal-persunal li jaħdmu f'fergħat fl-istess Stat Membru, li huma attivi b'mod predominanti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni. Il-membri tal-persunal li jinsabu b'mod predominanti f'fergħat fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz ma għandhomx jitqiesu.

51. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu lista tal-membri tal-persunal kollha u jiddeterminaw liema membri tal-persunal għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

- a. id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandha tiġi kkalkolata għall-membri tal-persunal li jkunu persunal fi tmiem is-sena finanzjarja, jiġifieri l-membri tal-persunal li jkunu telqu mill-istituzzjoni matul is-sena finanzjarja ma jiġux ikkunsidrati f'dan l-eżerċizzju;
- b. il-membri tal-persunal li jirċievu inqas mir-rimunerazzjoni annwali totali regolari tagħhom minħabba li kienu fi tmiem is-sena finanzjarja fuq kwalunkwe forma ta' liv tal-ġenituri, liv tal-mard fit-tul jew liv speċjali fit-tul għandhom jiġu esklużi mill-eżerċizzju; il-liv fit-tul għandu jinftiehem bħala liv ta' mill-inqas perjodu ta' żmien konsekuttiv ta' tliet xhur;
- c. il-membri tal-persunal li jkunu ġew irreklutati matul l-aħħar tliet xhur tas-sena finanzjarja ma għandhomx jitqiesu f'dan l-eżerċizzju;
- d. il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali għandhom jiġu ttrattati bħala persunal u persunal identifikat;
- e. il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu, sakemm ma jkunux rappreżentanti tal-impjegati;
- f. il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu li huma rappreżentanti tal-impjegati għandhom jitqiesu fil-kalkolu bħala persunal u għandhom jitqiesu biss fil-kalkolu għall-persunal identifikat jekk ikun persunal identifikat abbażi tal-funzjoni li għandu bħala membru tal-persunal.

52. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandha tiġi kkalkolata bħala d-differenza bejn ir-rimunerazzjoni medja tal-irġiel u tan-nisa espressa bħala perċentwal tar-rimunerazzjoni medja tal-irġiel. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw għall-kalkolu r-rimunerazzjoni grossa annwali tal-persunal

fuq bażi ekwivalenti għal full-time. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' rimunerazzjoni tajbin skont id-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-rimunerazzjoni totali mogħtija kif ukoll, fuq bażi tal-aħjar sforz, l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol, il-perjodi ta' liv annwali u benefiċċji finanzjarji u mhux finanzjarji oħrajn meta jikkalkolaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu li ġej.

53. Għal kull membru tal-persunal li għandu jiġi inkluż fil-kalkolu tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi f'konformità mal-paragrafu 51, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu r-rimunerazzjoni grossa annwali totali tagħhom bħala s-somma tar-rimunerazzjoni fissa u varjabbli, filwaqt li jikkunsidraw dan li ġej:
- Il-benefiċċji mhux monetarji (eż. karozza tal-kumpanija, self mingħajr imgħax, kindergarten tal-kumpaniji bla ħlas eċċ.) għandhom jitqiesu fl-ekwivalenti monetarji intaxxati tagħhom.
  - Il-pagamenti regolari fis-sistema tal-pensjonijiet u fl-assigurazzjoni tas-saħħa għall-persunal kollu ma għandhomx jiġu kkunsidrati. Għandhom jiġu kkunsidrati l-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni.
  - Għandha tintuża r-rimunerazzjoni varjabbli sħiħa mogħtija għall-perjodi ta' prestazzjoni kollha li jkunu ntemmu matul is-sena finanzjarja li fuqha jkun ibbażat il-kalkolu, anki jekk ikunu jikkonċernaw perjodi ta' prestazzjoni itwal minn sena. Dan għandu jinkludi rimunerazzjoni varjabbli bbażata fuq perjodi ta' prestazzjoni pluriennali mhux rotanti kif speċifikat fil-paragrafu 46.
  - Ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita (bonus ta' awtentikazzjoni) u l-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg (pereżempju, meta l-kuntratt tal-persunal ikun għadu ma ntemmx fi tmiem is-sena finanzjarja) ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu.
  - Għall-membri tal-persunal li kienu qed jaħdmu fuq bażi part-time, inkluż għal partijiet tas-sena finanzjarja, jew li ma kinux impjegati għas-sena finanzjarja sħiħa jew li kienu fuq forom oħrajn ta' liv matul partijiet tas-sena (pereżempju, liv bla ħlas jew liv tal-ġenituri), l-ammont annwali sħiħ ta' rimunerazzjoni varjabbli u fissa għandu jiġi stabbilit fuq bażi tal-aħjar sforz li l-membri tal-persunal kienu jirċievu kieku tħallsu għas-sena finanzjarja kollha fuq bażi full-time. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkolaw l-ammonti billi jestrapolaw ir-rimunerazzjoni, pereżempju, mogħtija għal impjeg part-time, għar-rimunerazzjoni grossa annwali totali fuq bażi annwali full-time (pereżempju, ir-rimunerazzjoni tal-persunal li jaħdem fuq kuntratt part-time ta' 50 % tiġi mmultiplikata b'fattur ta' 2 biex wieħed jasal għar-rimunerazzjoni annwali full-time).
54. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għall-persunal kollu (inkluż il-persunal identifikat, identifikat fuq bażi individwali) u separatament għall-persunal identifikat tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali u mal-GDPR, jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jiddeterminaw il-ġeneru tal-persunal tagħhom. L-istituzzjonijiet jistgħu jħallu barra membri tal-persunal li l-ġeneru tagħhom ma jistax jiġi aċċertat.
55. L-istituzzjonijiet li għandhom 250 membru tal-persunal jew aktar għandhom jikkalkolaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għal kull kwartil tar-rimunerazzjoni totali tagħhom u b'kollox. L-

istituzzjonijiet b'inqas minn 250 membru tal-persunal għandhom jissottomettu biss id-*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi abbażi taċ-ċifri totali għall-persunal kollu. L-istituzzjonijiet li għandhom 250 membru tal-persunal identifikat jew aktar għandhom jikkalkolaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għal kull kwartil tar-rimunerazzjoni totali tagħhom u b'kollox. L-istituzzjonijiet b'inqas minn 250 membru tal-persunal identifikat għandhom jissottomettu biss id-*data* dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi abbażi taċ-ċifri totali għall-persunal identifikat.

56. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw id-differenza fil-pagi f'termini tar-rappreżentanza ta' kull ġeneru bħala perċentwal tal-persunal maskili u femminili abbażi tal-għadd tal-persunal kollu u tal-persunal identifikat kollu, rispettivament. Fejn applikabbli skont il-paragrafu 55, għal kull kwartil – fejn il-perċentwali tar-rappreżentanza tal-irġiel u tan-nisa flimkien għandhom jirriżultaw, fejn applikabbli, f'100 00 % għal kull kwartil ikkalkolat u għaċ-ċifri totali għall-persunal kollu u għall-persunal identifikat.
57. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi bbażata fuq ir-rimunerazzjoni grossa għandha tiġi espressa bħala d-differenza bejn il-livelli ta' rimunerazzjoni tal-persunal maskili u femminili, bħala:
- id-differenza bejn ir-rimunerazzjoni medja tal-irġiel u r-rimunerazzjoni medja tan-nisa, espressa bħala perċentwal tar-rimunerazzjoni medja tal-irġiel; u
  - id-differenza bejn ir-rimunerazzjoni medjana tal-irġiel u r-rimunerazzjoni medjana tan-nisa, espressa bħala perċentwal tar-rimunerazzjoni medjana tal-irġiel.<sup>5</sup>
58. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin fit-tnejn tal-kalkolu:
- Ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-persunal (irrispettivament mill-ġeneru tagħhom) għandha tiġi adattata skont l-ammont, li jibda bl-inqas ammont. Kull ammont ta' rimunerazzjoni għal membru tal-persunal għandu jiġi allokat għall-ġeneru maskili jew femminili u għandu jiġi rreġistrat jekk il-membri tal-persunal huwiex persunal identifikat jew le.
  - Il-membri tal-persunal ta' ġeneru differenti mill-ġeneru maskili jew femminili għandhom jiġu allokat għall-ġeneru li jidentifikaw ruħhom miegħu jew, jekk dan ma jkunx magħruf jew jekk ikun differenti mill-ġeneru maskili jew femminili, dawn il-membri tal-persunal għandhom jiġu allokat għall-ġeneru maskili jew femminili li b'kollox għandu l-inqas għadd ta' membri tal-persunal.
  - Il-lista stabbilita tal-persunal għandha, fejn applikabbli taħt il-paragrafu 55, tiġi sseparata fi kwartili.
  - Il-medjan u l-medja tar-rimunerazzjoni għall-membri tal-persunal irġiel u nisa kollha, u separatament għall-membri tal-persunal irġiel u nisa identifikati, għandhom jiġu kkalkolati b'mod totali u, fejn applikabbli taħt il-paragrafu 55, għal kull kwartil.
59. Iċ-ċifri kollha għandhom jiġu sottomessi bħala perċentwali b'żewġ pożizzjonijiet deċimali (eż. "17,23 %" jew "-17,23 %" fil-każ ta' valur negattiv). Fejn id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għal

<sup>5</sup> Differenza bejn il-ġeneri fil-pagi f'perċentwali = (rimunerazzjoni medja tal-irġiel – rimunerazzjoni medja tan-nisa) \*100 / rimunerazzjoni medja tal-irġiel

kategorija waħda ma tkunx tista' tiġi kkalkolata, minħabba li jkun hemm biss membri tal-persunal nisa, il-punt tad-*data* fl-Anness IV għandu jiġi assenjat il-valur "M/A", filwaqt li fejn ikun hemm biss membri tal-persunal irġiel, ir-riżultat għandu juri "100,00 %".

## 7. Il-kwalità tad-*data*

60. L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-kompletezza u l-plawżibbiltà tad-*data* tal-benchmarking qabel ma jissottomettu din id-*data* lill-awtorità kompetenti jew lill-EBA. Il-kontrolli tal-kwalità tad-*data* għandhom jinkludu r-regoli ta' validazzjoni stabbiliti fl-Anness VII u dawk speċifikati, fejn applikabbli, fl-istruzzjonijiet tekniċi għall-għodda għall-ġbir tad-*data*.
61. Meta jkun hemm varjazzjonijiet qawwija fid-*data* tal-benchmarking maż-żmien, l-istituzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jipprovdu spjegazzjonijiet.
62. Meta jivverifikaw il-plawżibbiltà tad-*data* tal-benchmarking, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu d-daqs u l-għadd ta' impjegati tal-istituzzjoni u l-livelli tipiċi ta' rimunerazzjoni. Id-*data* mhux plawżibbli identifikata għandha tiġi segwita u kkoreġuta qabel is-sottomissjoni tad-*data*.
63. Fejn id-*data* tal-benchmarking tidher li ma hijiex plawżibbli, iżda fil-fatt hija korretta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-EBA bir-raġunijiet sottostanti.
64. Fir-rigward tad-*data* tal-benchmarking sottomessa li turi kwistjonijiet potenzjali ta' kwalità tad-*data* jew li titqies bħala mhux plawżibbli, l-EBA tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw id-*data* jew jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-interpretazzjoni korretta tad-*data*.
65. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu, kif meħtieġ, *data* kkoreġuta jew spjegazzjonijiet għal kwalunkwe *data* mhux plawżibbli mill-aktar fis possibbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-EBA biex jiżguraw li s-sett ta' *data* għall-analiżi jkun stabbli u ta' kwalità tajba sa – mhux aktar tard – mit-30 ta' Settembru tas-sena meta tkun ġiet irrapportata d-*data*.
66. Meta jissottomettu *data* tal-benchmarking lill-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkunu konformi wkoll mal-EBA/DC/335 tal-5 ta' Ġunju 2020 dwar l-EUCLID ("Deċiżjoni EUCLID")<sup>6</sup>, kif emendata, u li jipprovdu lill-istituzzjonijiet bi kwalunkwe speċifikazzjoni teknika meħtieġa għall-konformità kontinwa mad-Deċiżjoni EUCLID.

<sup>6</sup>[https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document\\_library/Risk%20Analysis%20and%20Data/Reporting%20by%20Authorities/885459/Decision%20on%20the%20European%20Centralised%20Infrastructure%20of%20Data%20%28EUCLID%29.pdf](https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Risk%20Analysis%20and%20Data/Reporting%20by%20Authorities/885459/Decision%20on%20the%20European%20Centralised%20Infrastructure%20of%20Data%20%28EUCLID%29.pdf)



## Anness I: Informazzjoni ġenerali u informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni tal-persunal kollu

Isem tal-istituzzjoni/grupp						Isem			
L-istituzzjoni tibbenefika mid-deroga skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE f'livell istituzzjonali?						Iva/le			
Is-sena finanzjarja li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (sena N)						Sena			
	Funzjoni Superviżorja tal-MB	Funzjoni Maniġerjali tal-MB	Bank tal-investiment	Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur	Immaniġġjar tal-assi	Funzjonijiet korporattivi	Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti	Il-persunal kollu f'sussidjarji soġġetti għal qafas ta' rimunerazzjoni speċifiku <sup>1</sup>	Il-persunal l-ieħor kollu
L-għadd ta' membri (in-numru ta' impjegati)									
L-għadd totali ta' persunal, FTE <sup>2</sup>									
Il-profitt nett totali fis-sena N (f'EUR) <sup>3</sup>	Ammont sħiħ f'EUR (eż. 123 456 789.00)								
Dividendi totali (jew distribuzzjonijiet simili) imħallsa għas-sena N (f'EUR)	Ammont sħiħ f'EUR								
Rimunerazzjoni totali (EUR)									
Li minnha: rimunerazzjoni varjabbli (f'EUR)									

<sup>1</sup> Persunal f'ditti ta' investment, impriżi ta' investment kollettivi f'titoli trasferibbli jew kumpaniji ta' maniġers ta' fondi ta' investment alternattivi li huma soġġetti għal qafas ta' rimunerazzjoni speċifiku skont l-atti tal-Unjoni

<sup>2</sup> L-għadd ta' persunal għandu jiġi espress b'ħala ekwivalenti għal full-time (FTEs) u għandu jkun ibbażat fuq l-għadd ta' persunal fi tmiem is-sena f'konformità mal-arranġamenti individwali tagħhom dwar il-ħin tax-xogħol.

<sup>3</sup> Il-profitti netti għandhom ikunu bbażati fuq is-sistema tal-kontabilità li tintuża għar-rapportar regolatorju. Għal gruppi, huwa l-profitt (jew it-telf) ibbażat fuq il-kontijiet ikkonsolidati.

Li minnha: rimunerazzjoni fissa (f'EUR)									
--	--	--	--	--	--	--	--	--	--

## Annex II: Informazzjoni addizzjonali dwar ir-rimunerazzjoni tal-persunal identifikat

Isem tal-istituzzjoni/grupp:		Isem		
Is-sena finanzjarja li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (sena N):		Sena		
	Funzjoni Superviżorja tal-korp maniġerjali	Funzjoni Maniġerjali tal-korp maniġerjali	Maniġment superjuri ieħor	Persunal identifikat ieħor
L-għadd ta' beneficijarji ta' kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni fis-sena N				
L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet għal benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni (f'EUR) fis-sena N (inklużi f'forom oħrajn ta' rimunerazzjoni varjabbli)				
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija għal perjodi pluriennali taħt il-programmi li ma jinbidlux kull sena (f'EUR)				
Għall-istituzzjonijiet li ma jibbenefikawx mid-deroga skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE f'livell tal-istituzzjoni kollha L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli tal-membri tal-persunal identifikati li jibbenefikaw minn mill-inqas waħda mid-derogi skont l-Artikolu 94(3)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, abbażi ta' livell baxx ta' rimunerazzjoni varjabbli				
Għall-istituzzjonijiet li ma jibbenefikawx mid-deroga skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE f'livell tal-istituzzjoni kollha L-ammont totali ta' rimunerazzjoni fissa tal-membri tal-persunal identifikati li jibbenefikaw minn mill-inqas waħda mid-derogi skont l-Artikolu 94(3)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE, abbażi ta' livell baxx ta' rimunerazzjoni varjabbli				

## Anness III: Derogi mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti biex jitħallsu partijiet mir-rimunerazzjoni varjabbli differita u fi strumenti skont id-Direttiva 2013/36/UE (CRD)

Isem tal-istituzzjoni/grupp:	Isem	
Is-sena finanzjarja li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (sena N):	Sena	
Informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' rinunzji	Derogi fuq bażi tad-ditti kollha skont l-Artikolu 94(3)(a) tas-CRD	Derogi għall-persunal identifikat skont l-Artikolu 94(3)(b) tas-CRD
L-istituzzjoni tapplika d-derogi rigward ir-rekwiżit li titħallas parti mir-rimunerazzjoni varjabbli differita u fi strumenti skont l-Artikolu 94(3)(a) tas-CRD lill-persunal identifikat kollu tagħha. <b>Jekk din il-mistoqsija tkun għet imwiegħa b'“iva”, l-informazzjoni ta' hawn taħt ma hemmx bżonn li tiġi pprovduta.</b>	Iva/le	
<b>L-istituzzjoni tapplika d-deroga mir-rekwiżit skont l-Artikolu 94(1)(l) tas-CRD (ħlas fi strumenti)</b>	Iva/le	Iva/le
Meta l-istituzzjoni tapplika d-deroga ta' hawn fuq, iżda b'livell limitu aktar baxx kif implimentat skont il-liġi nazzjonali, jekk jogħġbok indika l-livell limitu applikat f'EUR		Livell limitu
L-għadd ta' persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	In-numru ta' impjegati	In-numru ta' impjegati
Il-perċentwal ta' persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	Perċentwal	Perċentwal
Ir-rimunerazzjoni totali tal-persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	EUR	EUR
Li minnha: rimunerazzjoni varjabbli	EUR	EUR
Li minnha: rimunerazzjoni fissa	EUR	EUR
<b>L-istituzzjoni tapplika d-deroga mir-rekwiżit skont l-Artikolu 94(1)(m) tas-CRD (ħlas taħt arranġamenti ta' differiment)</b>	Iva/le	Iva/le
Meta l-istituzzjoni tapplika d-deroga ta' hawn fuq, iżda b'livell limitu aktar baxx kif implimentat skont il-liġi nazzjonali, jekk jogħġbok indika l-livell limitu applikat f'EUR		Livell limitu
L-għadd ta' persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	In-numru ta' impjegati	In-numru ta' impjegati
Il-perċentwal ta' persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	Perċentwal	Perċentwal
Ir-rimunerazzjoni totali tal-persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	EUR	EUR
Li minnha: rimunerazzjoni varjabbli	EUR	EUR
Li minnha: rimunerazzjoni fissa	EUR	EUR
<b>L-istituzzjoni tapplika d-deroga mir-rekwiżit skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 94(1) tal-punt (o) (derogi fir-rigward tal-ħlas fi strumenti ta' beneficiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni)</b>	Iva/le	Iva/le
L-għadd ta' persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	In-numru ta' impjegati	In-numru ta' impjegati
Ir-rimunerazzjoni totali tal-persunal identifikat li jibbenefika mid-deroga ta' hawn fuq	EUR	EUR
Li minnha: rimunerazzjoni varjabbli	EUR	EUR
Li minnha: rimunerazzjoni fissa	EUR	EUR

## Anness IV: Informazzjoni dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi

<b>Istituzzjoni (livell individwali)</b>	Isem
<b>Identifikatur tal-entità legali</b>	Numru
Stat Membru	Kodiċi ISO (eż. AT, BE, CY)
Sena	ssss
L-għadd totali ta' persunal	In-numru ta' impjegati
L-għadd totali ta' persunal identifikat	In-numru ta' impjegati

## Rappreżentanza tal-persunal ta' ġeneri differenti għal kull kwartil tal-livell ta' rimunerazzjoni

<b>Rappreżentanza tal-persunal maskili u femminili f'kull kwartil tal-livell ta' rimunerazzjoni</b>	<b>Il-persunal maskili kollu f'perċentwal tal-persunal kollu</b>	<b>Il-persunal femminili kollu f'perċentwal tal-persunal kollu</b>	<b>Il-persunal maskili identifikat kollu f'perċentwal abbażi tal-persunal identifikat kollu</b>	<b>Il-persunal femminili identifikat kollu f'perċentwal abbażi tal-persunal identifikat kollu</b>
Kwartil 1 (baxx)	Perċentwal (eż. 42.43 %)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Kwartil 2 (baxx għal medju)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Kwartil 3 (medju sa għoli)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Kwartil 4 (għoli)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Persunal totali/persunal identifikat	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal

## Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi bbażata fuq ir-rimunerazzjoni grossa totali

<b>Il-livell ta' rimunerazzjoni annwali gross totali</b>	<b>Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi tal-persunal kollu, abbażi tal-medjana</b>	<b>Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi tal-persunal kollu, abbażi tal-medja</b>	<b>Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi tal-persunal identifikat, abbażi tal-medjana</b>	<b>Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi tal-persunal identifikat, abbażi tal-medja</b>
Kwartil 1 (baxx)	Perċentwal (eż. 4.43 %)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Kwartil 2 (baxx għal medju)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Kwartil 3 (medju sa għoli)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
Kwartil 4 (għoli)	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal

Persunal totali/persunal identifikat	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal	Perċentwal
--------------------------------------	------------	------------	------------	------------

Anness V: Proporzjonijiet ogħla approvati bejn ir-rimunerazzjoni varjabbli u fissa – istituzzjonijiet<sup>10</sup>

Isem l-istituzzjoni	Isem
Identifikatur tal-entità legali	LEI
Sena	ssss
L-għadd totali ta' persunal (fi tmiem is-sena finanzjarja)	In-numru ta' impjegati
L-għadd totali ta' persunal identifikat (eżitu tal-proċess ta' identifikazzjoni annwali)	In-numru ta' impjegati
It-total tal-karta bilanċjali (fi tmiem is-sena finanzjarja)	Ammont f'EUR
Proporzjon ogħla approvat (jiġifieri proporzjon ta' rimunerazzjoni varjabbli għal dik fissa ogħla minn 100 %)	Perċentwal
Id-data tal-aħħar approvazzjoni ta' proporzjon ogħla mil-laqgħa tal-azzjonisti	jj/xx/ssss
L-għadd totali ta' persunal identifikat li potenzjalment jibbenefika minn proporzjon approvat ta' aktar minn 100 %	In-numru ta' impjegati
L-għadd totali ta' persunal identifikat li fil-fatt ingħata rimunerazzjoni li twassal għal proporzjon ta' rimunerazzjoni varjabbli għal rimunerazzjoni fissa ta' aktar minn 100 % għas-sena finanzjarja <sup>11</sup>	In-numru ta' impjegati

<sup>10</sup> Id-*data* għandha tiġi rrapportata mill-istituzzjonijiet fuq bażi individwali.

<sup>11</sup> Ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita u l-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg, fejn ma jkunux inklużi fil-kalkolu tal-proporzjon skont il-Linji Gwida dwar politiki ta' rimunerazzjoni tajbin, ma għandhomx jitqiesu.

## Anness VI: Proporzjonijiet oġhla approvati bejn ir-rimunerazzjoni varjabbli u fissa – aggregazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Stat Membru	Kodiċi ISO
<b>Is-sena tad-<i>data</i> miġbura</b>	<i>SSSS</i>
<b>L-għadd totali ta' istituzzjonijiet li għandhom is-sede legali tagħhom fl-Istat Membru (informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta hawn taħt) – eż. derivata mill-istatistika bankarja</b>	<i>Għadd</i>
L-għadd totali aggregat ta' persunal tal-istituzzjonijiet kollha fl-Istat Membru	<i>Għadd</i>
L-għadd totali aggregat ta' persunal identifikat ta' istituzzjonijiet fl-Istat Membru (fejn disponibbli, inkella M/A)	<i>Għadd</i>
It-total aggregat tal-karta bilanċjali tal-istituzzjonijiet fl-Istat Membru	<i>Għadd</i>
<b>L-għadd ta' istituzzjonijiet fejn l-azzjonisti jkunu approvaw proporzjon oġhla li għandhom is-sede legali tagħhom fl-Istat Membru (informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta hawn taħt)</b>	<i>Għadd</i>
Minnhom: l-għadd ta' istituzzjonijiet bis-sede legali tagħhom fl-Istat Membru li approvaw 200 % bħala l-proporzjon massimu	<i>Għadd</i>
L-għadd totali aggregat ta' persunal ta' dawn l-istituzzjonijiet	<i>Għadd</i>
L-għadd totali aggregat ta' persunal identifikat ta' dawn l-istituzzjonijiet	<i>Għadd</i>
It-total aggregat tal-karta bilanċjali ta' dawn l-istituzzjonijiet	<i>Għadd</i>
L-għadd totali aggregat ta' persunal identifikat li potenzjalment jibbenefika minn proporzjon approvat ta' aktar minn 100 %	<i>Għadd</i>
L-għadd totali aggregat ta' persunal identifikat li fil-fatt ikun ingħata rimunerazzjoni li twassal għal proporzjon ta' rimunerazzjoni varjabbli għal rimunerazzjoni fissa ta' aktar minn 100 % għas-sena finanzjarja	<i>Għadd</i>
<b>Il-bidliet meta mqabbla mas-sottomissjoni tad-<i>data</i> preċedenti</b>	
L-għadd ta' istituzzjonijiet li introduċew proporzjon oġhla wara l-aħħar sottomissjoni ta' <i>data</i> lill-EBA (l-approvazzjonijiet mill-ġdid ma għandhomx jiġu rrapportati)	<i>Għadd</i>
L-għadd ta' istituzzjonijiet li ma komplewx il-prattika ta' proporzjonijiet oġhla wara l-aħħar sottomissjoni ta' <i>data</i> lill-EBA	<i>Għadd</i>



## Anness VII – Kontrolli tal-kwalità tad-*data*

L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-kontrolli tal-kwalità tad-*data* li ġejjin fir-rigward tat-tabelli dwar ir-rimunerazzjoni inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637<sup>12</sup>.

**Tabella REM1:**

Ringiela	Kontroll tal-kwalità tad- <i>data</i>
1 u 9	L-għadd ta' persunal irrapportat taħt il-kolonna tal-korp maniġerjali għandu jkun f'numri sħaħ.
2	Ir-rimunerazzjoni fissa totali għandha tkun is-somma tar-ringieli 3, EU 4a, 5, EU5x u 7; fejn jiġi rrapportat il-persunal identifikat, l-ammont għandu jkun > zero
9	L-għadd ta' persunal irrapportat ma għandux ikun ogħla mill-għadd ta' persunal irrapportat fir-ringiela 1
10	Ir-rimunerazzjoni varjabbli totali għandha tkun is-somma tar-ringieli 11, EU-13a, EU-13b, EU-14x u 15
10	Ir-rimunerazzjoni varjabbli totali ma għandhiex tkun aktar baxxa mis-somma tal-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg u r-rimunerazzjoni varjabbli garantita fir-ringieli 2 u 7 tat-tabella REM2
-	Is-somma tar-rimunerazzjoni differita fir-ringieli 12, EU-14a, EU-14b, EU-14y u 16 ma għandhiex tkun ogħla mill-valur fir-ringiela 10
-	Proporzjon tar-rimunerazzjoni differita: is-somma tar-rimunerazzjoni differita fir-ringieli 12, EU-14a, EU-14b, EU-14y u 16 għandha tkun ogħla minn jew daqs 0.4 darbiet il-valur fir-ringiela 10 wara t-tnaqqis tar-rimunerazzjoni varjabbli garantita (ir-ringiela 3 tat-tabella REM2), kif ukoll il-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg (ir-ringiela 10 tat-Tabella REM2) u l-ammonti ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija lill-persunal fejn tapplika d-deroga skont l-Artikolu 94(3)(b) (ara l-Anness II).
-	L-istituzzjonijiet għandhom iżommu f'moħħhom li din ir-regola ta' validazzjoni ssimplifikata hija għal skopijiet ta' benchmarking biss u ma hijiex validazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni rigward il-pagamenti garantiti ta' rimunerazzjoni varjabbli u ta' terminazzjoni tal-impjeg, jiġifieri filwaqt li jitnaqqsu

<sup>12</sup> L-ITS hija disponibbli taħt: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R0637&from=EN>

I-ammonti sħaħ, partijiet mill-ammonti huma possibbilment soġġetti għar-reqwizit li jitħallsu partijiet mir-rimunerazzjoni varjabbli taħt arranġamenti ta' differiment.

Din ir-regola ta' validazzjoni ma tapplikax għal istituzzjonijiet fejn il-persunal identifikat kollu jibbenefika mid-deroga mir-reqwizit li jitħallsu partijiet mir-rimunerazzjoni varjabbli taħt l-arranġamenti ta' differiment skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE.

11 u 12		Il-valur fir-ringiela 12 ma jridx ikun oġhla mill-valur fir-ringiela 11
EU-13a EU-14a	u	Il-valur fir-ringiela EU-14a ma jridx ikun oġhla mill-valur fir-ringiela EU-13a
EU-13b EU-14b	u	Il-valur fir-ringiela EU-14b ma jridx ikun oġhla mill-valur fir-ringiela EU-13b
EU-14x EU-14y	u	Il-valur fir-ringiela EU-14y ma jridx ikun oġhla mill-valur fir-ringiela EU-14x
15 u 16		Il-valur fir-ringiela 16 ma jridx ikun oġhla mill-valur fir-ringiela 15
-		Il-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni fissa (ringiela 2) u varjabbli (ringiela 10) ma jridx ikun oġhla minn, kif applikabbli, 100 % jew 200 %, wara li jiġu esklużi r-ringieli 3 u 10 tat-tabella REM2 (limitu massimu tal-bonus)
-		<p>¶las fi strumenti: is-somma tar-ringieli EU 13-a, EU 13-b u EU-14x għandha tkun daqs jew oġhla minn 50 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali (ir-ringiela 10 tat-tabella REM2) wara li titnaqqas ir-rimunerazzjoni varjabbli tal-persunal fejn tapplika d-deroga skont l-Artikolu 94(3)(b) (ara l-Anness II), ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita (ir-ringiela 3 tat-tabella REM2) u l-pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjeg (ir-ringiela 10 tat-tabella REM2).</p> <p>L-istituzzjonijiet għandhom iżommu f'moħħhom li din ir-regola ta' validazzjoni ssimplifikata hija għal skopijiet ta' benchmarking biss u ma hijiex validazzjoni tal-konformità mar-reqwiziti ta' rimunerazzjoni rigward il-pagamenti garantiti ta' rimunerazzjoni varjabbli u ta' terminazzjoni tal-impjeg, jiġifieri filwaqt li jitnaqqsu l-ammonti sħaħ, partijiet mill-ammonti huma possibbilment soġġetti għar-reqwizit li jitħallsu partijiet mir-rimunerazzjoni varjabbli fi strumenti.</p> <p>Din ir-regola ta' validazzjoni ma tapplikax għal istituzzjonijiet fejn il-persunal identifikat kollu jibbenefika mid-deroga mir-reqwizit li jitħallsu partijiet mir-rimunerazzjoni varjabbli fi strumenti skont l-Artikolu 94(3)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE.</p>

Tabella REM2

Ringiela	Kontroll tal-kwalità tad- <i>data</i>
1, 4 u 6	L-għadd ta' persunal irrapportat taħt il-kolonna "a" u "b" għandu jkun f'numri sħaħ.
1 u 2	Jekk ir-ringiela 2 ikollha valur pożittiv, ir-ringiela 1 jeħtieġ li jkollha valur pożittiv ukoll, u viċi versa.
2	Il-valur tar-ringiela 3 ma għandux ikun ogħla mill-valur fir-ringiela 2
6 u 7	Jekk ir-ringiela 7 ikollha valur pożittiv, ir-ringiela 6 jeħtieġ li jkollha valur pożittiv ukoll, u viċi versa.
7	Il-valur tas-somma tar-ringieli 8 u 9 irid ikun daqs il-valur fir-ringiela 7
10	Il-valur tar-ringiela 10 ma jridx ikun ogħla mill-valur tar-ringiela 8
11	Il-valur tar-ringiela 11 ma jridx ikun ogħla mill-valur tar-ringiela 7

Tabella REM3

Ringiela	Kontroll tal-kwalità tad- <i>data</i>
1	Il-valuri jridu jkunu daqs is-somma tal-valuri tar-ringieli 2, 3, 4, 5 u 6 għal kull kolonna
7	Il-valuri jridu jkunu daqs is-somma tal-valuri tar-ringieli 8, 9, 10, 11 u 12 għal kull kolonna
13	Il-valuri jridu jkunu daqs is-somma tal-valuri tar-ringieli 14, 15, 16, 17 u 18 għal kull kolonna
19	Il-valuri jridu jkunu daqs is-somma tal-valuri tar-ringieli 20, 21, 22, 23 u 24 għal kull kolonna
25	Il-valuri jridu jkunu daqs is-somma tal-valuri tar-ringieli 1, 7, 13 u 19 għal kull kolonna
-	Il-valur fil-kolonna "a" irid ikun daqs is-somma tal-valuri tal-kolonna "b" u "ċ" għal kull ringiela

**Tabella REM5**

<b>Ringiela</b>	<b>Kontroll tal-kwalità tad-<i>data</i></b>
1	In-numru fil-kolonna "j" irid ikun daqs is-somma tal-kolonna "ċ" tar-ringiela 2, tal-kolonna minn "d" sa "i" tar-ringiela 3 u tal-kolonna minn "d" sa "i" tar-ringiela 4
2	Il-kolonna "ċ" trid tkun daqs is-somma tal-kolonna "a" u "b"
3	Is-somma tan-numri fil-kolonna minn "d" sa "i" trid tkun daqs in-numru fil-kolonna "ċ" tar-ringiela 1 tat-tabella REM1
4	Is-somma tan-numri fil-kolonna minn "d" sa "i" trid tkun daqs in-numru fil-kolonna "d" tar-ringiela 1 tat-tabella REM1
5	Il-valur f'kull kolonna minn "a" sa "i" irid ikun daqs is-somma tar-ringieli 6 u 7 tal-kolonna rispettiva
5	Is-somma tal-kolonna minn "ċ" sa "i" trid tkun daqs is-somma tal-kolonna minn "a" sa "d" tar-ringiela 17 fit-tabella REM1
6	Il-valuri fil-kolonna "a" u "b" iridu jkunu daqs il-valuri fil-kolonna "a" u "b" fir-ringiela 10 fit-tabella REM1, rispettivament
6	Is-somma tal-kolonna minn "ċ" sa "i" trid tkun daqs is-somma tal-kolonna minn "a" sa "d" tar-ringiela 10 fit-tabella REM1
7	Il-valuri fil-kolonna "a" u "b" iridu jkunu daqs il-valuri fil-kolonna "a" u "b" fir-ringiela 2 fit-tabella REM1, rispettivament
7	Is-somma tal-kolonna minn "ċ" sa "i" trid tkun daqs is-somma tal-kolonna minn "a" sa "d" tar-ringiela 2 fit-tabella REM1

